Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414
.

**MINUTI TAT-TMIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 17 ta' Novembru 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI – MS SKUZAT |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti u fil-hin.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Approvati.

**2. PUNTI MQAJJMA**
Is-SC qal li talab l-Avukat jindika d-data ta' meta kienet l-ahhar seduta rigward il-Kawza mas-sidien tal-barriera ta' venven. Hu qal li l-Avukat prezenta xi tahrikiet lill-Mepa. Is-Sur Alfred Zammit qal li l-munzell qed dejjem joghla. Is-Sur RC qal li peress li l-Avukat Mangion lahaq Imhallef ma jaghmilx sens li jigi msejjah biex jixhed. Kulhadd qabel.

**3. KORRISPONDENZA**

Giet imressqa din il-korrispondenza:

- Ittra minghand il-Moveiment Kerygma rigward il-Premju Zaghzugh tas-Sena. Din l-ittra ha tigi mghoddija lill-grupp YouthReach u jaghzlu ż-zghazagh bejniethom.
- E-mail minn Elancourt rigward il-ftehim bejn iz-zewg ghaqdiet tas-Subbuteo li bi hsiebhom ikomplu jsahhu permezz ta' loghob li qed jigi propost li jsir gewwa Elancourt fejn l-Attard Subbuteo Club ha jkollhom okkazjoni jikkompetu.
- E-mail rigward parata fl-okkazjoni ta' Kristu Re fejn il-Kunsill gie mitlub jiehu hsieb il-gwardjani lokali jew Pulizija Extra duty. Il-Kunsill qabel.
- Memo 30/2015 proposti ghall-attivitajiet kulturali 2015/16. Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex jghaddulha proposti ghall-attivitajiet kulturali ghas-sena d-diehla liema applikazzjoni se taghlaq 27 ta' Novembru 2015.
- Gie prezentat rapport wara li is-Sinjuri RC, JD u AM iltaqghu mas-Sinjura Gabby Mallia fuq il-progett tal-Kunsill ghall-Librerija Pubblika. Gie deciz li is-Sinjuri JD, RC u RB jiltaqghu mas-Sur Alfred Triganza rigward il-fondi Ewropej fuq gemellaggi nhar il-Gimgha, 27 ta' Novembru fid-9 ta' filghodu.
-

**4. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI NOVEMBRU**
Approvati wara li saru mistoqsijiet fuq il-pagamenti ta' Cricket Trading u Teamsport mis-Sur Alex Mangion li kiwnu jirriggwardjaw l-embroidery u l-kits tal-Attard Subbuteo Club.

**5. u 6. POST MORTEM GEMELLAGG U JUM Ħ'ATTARD**

Is-Sur MA qalet li d-delegazzjoni kellha programm wisq intersiv u li gurnata minnhom kienet *tiresome*....imma li kollox mehud f'daqqa kien tajjeb hafna. Is-Sur SC qal li fejn dahal il-programm tal-gurnata ta' Jum Ħ'Attard il-livell taghna kien gholi u s-Sur Poutier qal li ha jkollhom jaghmlu sforz sew biex ilahhqu mal-livell. Is-Sinjura CS qalet li l-banda kienet ok imma kantanta minnhom kienet wisq qisha mara tad-dar mhux kantanta ta' livell gholi. Is-ur RC qal li m'hemmx x'taghmel imma li kull surmast ikollu l-kantanti tieghu. Is-Sur AM qal li s-Surmast kellu movimenti u mossi eccessivi. Is-Sur Alfred Zammit fakkar meta s-sena l-ohra kien gie Ozzy Lino. Kulhadd qabel li kien tajjeb u li s-sena d-diehla jikkunsidraw li jerga' jigi.

**7. ATTIVITAJIET MILIED 2015**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li bazikament il-programm hu dan: 11-13 BAZAAR b'risq l-SOS Malta. Il-Kazin tas-Sei propona li jaghmel villagg tal-Milied imma ghad m'hemmx konferma. Il-prezentazzjoni tac-certifikati ghall-presepji maghmulin mis-Summer Club, kif ukoll il-premjazzjoni ghall-isbah kartolina se jsiru 28 ta' Dicembru fil-11.00 ta' filghodu. Il-harga ghall-Empire Cinema ssir skond id-domanda u dan kollu fuq proposta tas-Sinjura MA se jitpogga fuq leaflet li se jintbaghat lir-residenti kollha fi zmien gimgha.

**8. PETIZZJONI STORBJU**

Is-Sur SC qal li jinsab dizappuntat ferm bin-nuqqas ta' konkorrenza. Is-Sur AM qal li certu nies igergu imma azzjoni jibqghu ma jiehdux. Din il-petizzjoni ghandha tintbaghat lill-MInisteru tal-Intern u kkupjata lill-Prim Ministru.

**9. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Li l-HSBC qed joffru fondi ghal min jiehu inizjattivi fuq il-gbir tal-ilma tax-xita...*Catch the Drop...* il-Kunsill ha jara din il-kampanja x'inhi..
- Ressaq proposta biex jibdew jinbidlu l-batteriji tal-LED's solar lights bil-mod liema spiza hi €90-il wahda. Is-Sur Cassar qal li l-ispiza hi ferm inqas li kieku saru bit-trinek u dawl LED bl-elettriku.
- .Li ttiehed parir mill-Monitoring tad-DLG rigward il-kuntratt tal-operatur tal-gbir ta' skart ricikklabbli u m'hemmx ghalfejn tohrog EOI. Kull ma jrid isir hu li jintbaghat komunikat liz-zewg operaturi u dawn jinghataw cans bizzejjed biex ihejju l-proposti taghhom. Gie propost mis-Sindku li jiltaqghu maghhom nhar uit-Tnejn, 23 ta' Novembru: Green MT 6 ta' filghaxija u Greenpak fis-6.30 ta' filghaxija.

Is-Sur RC qal li l-Kunsill ghandu jiddeciedi fuq dawn il-kriterji: il-fama, jekk il-Kunsill hux kuntent bis-servizz, x'qed joffri l-operatur u x'qed joffri iktar.

- Li certu Bertu tas-Saracino's ghandu presepju ghall-bejgh u xtaq €100. Is-SE qalet li m'hemmx uzu ghalih. Il-Kunsill qabel.
- Talab l-approvazzjoni sabiex titranga bankina fi Triq il-Frawli permezz ta' kimika kontra l-haziz. Kulhadd qabel.

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:

- Talab biex niltaqghu ma' tal-Istorm Water rigward pjanti u sigar li qed jimblukkaw Wied is-Sewda.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Rapport imhejji minnu u s-Sinjura CS fuq analizi tal-gonna (Kopja annessa ma' dawn il-Minuti).
- Fakkar fuq l-uzu tal-pesticidi sabiex ma jigi uzat ghall-ebda raguni.

Is-Sur AM ressaq dawn il-punti:

- Saqsa jekk il-Kunsill hux sodisfatt bit-tindif tal-latrini. Is-SE qalet li s'issa m'hemm l-ebda problema u l-kuntratt miexi regolari.

Is-Sur AZ ressaq dawn il-punti:

- Talab li l-kullettur tal-iskart jghaddi ftit iktar tard minn Triq il-Faqqiegh sabiex minn qed johrog l-iskart wara li jghaddi l-iscammel ikollu cans johorgu. Is-Sut SC qal li mhix skuza ghax minn xi mkien irid jibda u xorta jibqghu johorguh meta jridu huma.
- Talab li jitkompla l-hajt hdejn il-flats tal-Gvern fi Triq Santa Katerina.

Is-Sur MA ressqet dawn il-punti:

- Li meta jingab xi makkinarju hdejn il-Kitchen Garden dan jingab wara d-9 ta' filghodu u jekk jista' jkun mhux is-Sibt ghax l-inkonvenjent u d-dizordni li jinqala' fenomenali.

Is-Sinjura CS ressqet dawn il-punti:

- Talbet sabiex sigar tac-Cipress madwar ir-rahal, fir-roundabouts u gonna isirilhom dawl tal-Milied maghhom. Is-SE qalet li kull sett ta' dwal irid isirlu dawl temporanju u l-applikazzjoni ghalih tiswa' l-Kunsill €130. Hi qalet li hemm xi hadd Triq Frans Dingli li jixtieq jisponsorja d-dawl u ha tmexxi fuq dak biss mela.
- Li ma ngabarx il-hgieg tlett gimghat in fila. Is-SE fakkret li l-gbir isir kull hmistax u darba kull tlett xhur ikun hemm gimghatejn fejn ma jsirx gbir. Hi sahhet fuq l-uzu tal-kalendarju skond l-iskeda.
- Li KOPIN jixtiequ jaghmlu attivita' fir-rahal f'Jannar. Is-SE qalet li m'ghandhiex oggezzjoni sakemm din ma tiswiex hafna flus.
- Talbet sabiex jitmexxa l-Bus Stop ta' Triq in-Nutar Zarb minhabba li dan ma jidhirx.
- Li l-quddiesa ghar-ruh il-mejtin se ssir 30 ta' Novembru fis-6.30 ta' filghaxija.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex titranga Triq Kananea. Is-SC qal li l-Kunsill m'ghandux dawn il-fondi minhabba li biex titranga trid mal-€320,000.

  Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

____________________ ____________________

Sindku Data